MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 47/2008/1

**Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali u "Konvenzjonali" taghha, fis-27 ta' Frar 2009 li permezz

taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Spiteri u Bonello ghal rimedju kontra l-allegat ksur tal-drittijiet fondamentali taghhom. Normalment din il-Qorti tibda billi tirreferi ghar-rikors promotorju u ghar-risposta tal-Avukat Generali ghal tali rikors, pero` peress li dawn iz-zewg atti huma pjuttost konfuzjonarji fil-presentazzjoni taghhom, kemm ghal dawk li huma fatti kif ukoll ghal dawk li huma argumenti legali, din il-Qorti sejra minflok tmur mill-ewwel ghall-fatti kif jemergu mill-provi, u senjatament mill-process tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello".

**2.** L-imsemmija Spiteri u Bonello kienu gew akkuzati mill-Pulizija Ezekuttiva fit-23 ta' Mejju 2004 b'serq kwalifikat u li kienu recidivi, filwaqt li Bonello wahdu kien akkuzat ukoll li kiser il-provvediment "tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' April 2004 li biha kien gie misjub hati ta' reati u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin"[1]. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-<u>6 ta' Frar 2008</u> Spiteri nstab hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda b'dan li s-serq kien kwalifikat biss bil-valur kif ukoll li r-recidiva kienet dik prospettata fl-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u mhux fl-Artikolu 50, u gie kkundannat sentejn prigunerija bit-tnaqqis tal-arrest preventiv; Bonnello, invece, gie misjub hati ta' komplicita` fis-serq (pero` dejjem bil-kwalifika tal-valur biss), gie liberat mis-zewg imputazzjonijiet l-ohra, u gie wkoll ikkundannat sentejn prigunerija bit-tnaqqis tal-arrest preventiv. Kemm Spiteri kif ukoll Bonello talbu u kisbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet ta' appell. Fil-fatt huma ressqu zewg appelli separati quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, it-tnejn li

---

[1] Ghalkemm il-lokuzzjoni adoperata f'din l-imputazzjoni hija ta' ksur ta' *conditional discharge*, fil-fatt is-sentenza tas-26 ta' April 2004 – ara fol. 91 *et seq.* tal-process penali ezibit – poggiet lill-hati that Ordni ta' *Probation*. Ghal xi raguni il-Qorti tal-Magistrati erroneament indikat, fis-sentenza taghha, l-Artikolu 22 tal-Kap. 446; u l-Avukat Generali kompla kkomplika s-sitwazzjoni billi, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 162 tal-process penali) flok ma invoka l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, invoka l-Artikoli 21 u 22! Jigi nutat ukoll li fil-process kriminali mkien ma hemm kopja tal-Ordni ta' *Probation* biex wiehed ikun jista' jara x'kienu l-htigiet (jekk kien hemm) <u>mizjuda</u> mal-Ordni ta' *Probation* ghall-finijiet tal-Artikolu 21. Dan kollu, pero`, jezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – u qed jigi senjalat biss ghax fil-fatt dan in-nuqqas gie senjalat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-6 ta' Frar 2008.

huma datati 18 ta' Frar 2008. Fit-tnjen li huma, wara li fissru l-fatti fil-qosor u l-aggravji taghhom, huma talbu hekk:

**"Ghaldaqstant l-appellant umilment jitlob lill** [recte: lil] **dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell** [recte: Qorti tal-Appell Kriminali] **sabiex <u>tirrevoka</u> s-sentenza appellata fl-intier taghha u tiddikjara li l-appellant mhux hati – altriment** (sic!) **dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex jekk issib li hemm htija, xorta wahda tirriforma s-sentenza billi tibdel il-piena f'wahda mhux carcerarja** [recte: karcerarja] **jew tal-lanqas** (sic!) **tnaqqas il-piena carcerarja ta' sentejn nflitta mill** (sic!) **l-ewwel Qorti ghal wahda ta' perjodu** [recte: perijodu] **sostanzjalment anqas"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**3.** Dawn l-appelli gew trattati quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Lulju 2008, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru 2008, bil-fakulta` li tissejjah qabel jekk ikun il-kaz. Effettivament issejhet qabel, ghax il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Settembru 2008 ighid hekk:

**"Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-appellanti ghall-fatt illi fir-rikors tal-appell taghhom hemm xi nuqqasijiet li talvolta jistghu iwasslu ghan-nullita` tal-istess rikors tal-appell u ghalhekk biex ma tissorprendix lill-partijiet peress illi dan il-punt ma giex trattat waqt it-trattazzjoni trid taghti l-opportunita` lill-prosekuzzjoni u lid-difiza li jitrattaw dwaru qabel ma tghaddi ghas-sentenza.**

**"Peress li Dr Lynn Zahra sal-10.25 a.m. imsejha diversi drabi baqghet ma deheritx qed tipposponi l-kawza ghal aktar tard biex tidher Dr. Lynn Zahra u jkollha l-opportunita` li titratta dwar il-punt li qed tissolleva l-Qorti *ex officio*."**

**4.** Jidher li pero` l-avukata difensur tal-appellant, Dott. Lynn Zahra[2] baqghet ma dehritx u l-appelli gew differiti ghad-29 ta' Settembru 2008, fejn il-punt sollevat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali gie trattat u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-ghada, 30 ta' Settembru 2008. Fit-30 ta' Settembru 2008 l-appellanti Spiteri u Bonello ppresentaw rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn, wara li fisseru li l-"prassi" ta' dik il-Qorti fir-rigward tal-Artikolu 419(1)(c) tal-Qorti Kriminali kienet tilledi, ossia kienet ser tilledi jekk tigi applikata fil-konfront taghhom, id-drittijiet fondamentali taghhom, talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u biex b'hekk ikollhom zmien iressqu l-ilment taghhom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. F'dik il-gurnata stess il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat digriet li permezz tieghu, wara li fissret li, skond hi, hemm *prima facie* "divergenza bejn dak li jirritjenu l-Qorti Kostituzzjonali u din il-Qorti [ta' l-Appell Kriminali] diversament presjeduta u mill-banda l-ohra s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghalihom ghamlu referenza l-appellanti", laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, izda, flok ma rreferiet il-kwistjoni direttament lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (kif suppost kellha taghmel) iddifferiet dawk il-proceduri penali *sine die* biex nel frattemp Spiteri u Bonello jressqu l-ilment taghhom quddiem l-imsemmija Prim Awla.

## Ir-rikors promotorju

**5.** Ir-rikors promotorju tas-6 ta' Ottubru 2008 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili huwa, kif diga` nghad, wiehed konfuz ghall-ahhar. Pero`, minn dak li setghet tifhem din il-Qorti, dak li qed jigi allegat hu (1) li jekk il-Qorti ta' l-Appell

[2] Din l-avukata hija t-tielet wahda involuta f'dawn il-proceduri, u iffirmat kemm ir-rikors promotorju tas-6 ta' Ottubru 2008 kif ukoll ir-rikorsi tal-apppell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-18 ta' Frar 2008. Precedentement, u cioe` quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kien qieghed originarjament jidher ghall-imputati l-avukat Dott. Franco Debono (ara, per ezempju, il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2004, fol. 102 tal-process penali). Skond il-verbal, dejjem ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati, tal-15 ta' Dicembru 2004, jinghad li Dott. Charmaine Cherret qed tassocja ruhha mal-Avukat Dott. Debono fil-patrocinju tal-imputati. A fol. 135 tal-process penali, pero`, hemm nota li ggib id-data 15 ta' Dicembru 2004, li permezz taghha Dott. Franco Debono u Dott. Charmaine Cherret infurmaw lill-Qorti Inferjuri li kienu qed jirrinunzjaw ghall-patrocinju tal-imputati. Minkejja dan, mill-verbali ta' wara jidher li kemm Dott. Cherret kif ukoll Dott. Debono baqghu jidhru ghall-imputat Bonello, mentri mid-19 ta' Ottubru 2005 'l quddiem bdiet tidher Dott. Zahra ghall-imputat Spiteri.

Kriminali, in konformita` mal-gusriprudenza taghha, tiddikjara li l-appell ta’ Spiteri u Bonello kien null ghax ma jikkonformax ma’ dak li jrid l-Artikolu 419(1)(c) allura jkun qed jigi lez id-dritt tal-istess Spiteri u Bonello ghal access ghal qorti kif protett bl-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament; (2) li dan id-dritt jigi lez jekk din in-nullita` titqajjem *ex officio* mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghax il-qorti (jew ahjar l-imhallef) ikun qed juri parzjalita` (*bias*). Huma ghalhekk talbu r-rimedji opportuni. Bir-risposta tieghu, ugwalment nebuluza, l-Avukat Generali bazikament irritjena li t-talbiet tar-rikorrenti kienu infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan anke ghax sa dak il-mument kien ghad ma hemmx pronunzjament mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dwar din l-allegata nullita` u ghalhekk f’dak is-sens ir-rikors promotorju kien, dejjem skond l-Avukat Generali, intempestiv.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** Bis-sentenza taghha tas-27 ta’ Frar 2009, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet taz-zewg rikorrenti ghal xi forma ta’ rimedju wara li ma rriskontrat ebda vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara li gahmlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“L-intimat qed jeccepixxi n-nullita` tal-proceduri mqajjma mir-rikorrenti minhabba l-intempestivita` ta’ l-azzjoni taghhom billi l-kwistjoni mqajjma minnhom ghada ma gietx deciza finalment. Din il-Qorti pero` taghmel referenza ghad-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li kienet awtorizzat lir-rikorrenti biex jipprocedu b’dina l-azzjoni u ma dehriliex li kellha tiddikjara li t-talba taghhom kienet frivola u vessatorja. L-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tigi kunsidrata bhala intempestiva billi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha quddiemha « kwisjtoni » li kienet tirrikjedi soluzzjoni skond il-Kostituzzjoni jew il-Kap. 319 [u] ghalhekk idderigiet lir-rikorrenti biex jirrikorru quddiem dina l-Qorti ghad determinazzjoni taghha. In vista ta’ dana r-rikorrenti ma kellhomx rimedji ohra x’jezawrixxu hlief li jipprocedu quddiem dina l-Qorti billi l-kwistjoni kellha tigi determinata minn dina l-Qorti. Jigi rilevat li l-Qorti ta’ l-

Appell Kriminali kienet cara li hija kienet se tapplika l-insenjament kontenut fis-sentenza «*Il-Pulizija v. Lewis Spiteri*»[3] u ghalhekk ir-rikorrenti qajjmu l-kwistjoni li dika n-nullita` kienet x'aktarx se tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom (Art. 4(1) tal-Kostituzzjoni[4]).

"Bazikament it-talbiet kollha tar-rikorrenti jirriducu ruhhom ghall-ilment kostituzzjonali konsistenti fl-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif protetti mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 2 tas-Seba' Protokoll[5] ta' l-istess Konvenzjoni u dana bil-fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qajjmet *ex officio* n-nullita` tar-rikors ta' l-appell fuq nuqqas ta' formalita` u wriet car illi l-hsieb taghha kien illi tghaddi l-appell in gudikat bhala null minghajr ezami tal-aggravji fil-mertu.

"Illi r-rikorrenti qed jissottomettu li ma hemm ebda konflitt bejn dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Emanuel Gauci u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Illi fis-sentenza imsemmija tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emanuel Gauci v L-Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Mejju 2006 il-Qorti kienet sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq (inkluz dak ta' access ghal Qorti) meta qieset it-tenwita` tal-bazi fattwali minn naha l-wahda (semplici zieda ta' l-ittra « m » fl-isem Emanuel) u l-konsegwenzi ghar-rikorrent min-naha l-ohra (nullita` ta' l-appell u nuqqas ta' smigh fil-mertu).

---

[3] Fil-fatt id-digriet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali jaghmel referenza ghas-sentenza ta' dik l-istess Qorti, diversament presjeduta, tal-31 ta' Awwissu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lewis Muscat** u mhux Spiteri – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

[4] Recte: tal-Konvenzjoni – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

[5] L-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma jiffigurax fit-talbiet tar-rikorrenti kif migjuba quddiem il-Prim Awla, izda fir-rikors promotorju quddiem dik il-Qorti saret referenza minnhom ghar-rikors li huma kienu ppresentaw quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Settembru 2008 u jghidu li f'dak ir-rikors tat-30 ta' Settembru 2008 huma kienu allegaw anke ksur ta' dan l-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll. Fil-fatt, ezami ta' dan ir-rikors tat-30 ta' Settembru 2008 jindika li dan ma kienx minnu. Pero` ghamlet sew il-Prim Awla li kkunsidrat anke din id-disposizzjoni fis-sentenza taghha – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

"Il-Qorti Kostituzzjonali fl-kawza imsemmija kienet iddistingwit bejn in-nullita` sollevata f'dak l-appell u nullita` l-ohra taht l-artikolu 419 tal-Kap. 9. Hija kienet qalet li la l-artikolu 382 tal-Kap. 9 (li jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati) u lanqas l-Artikolu 419 ta' l-istess Kodici (li jipprovdi dwar x'ghandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell) ma jispecifika xejn in partikolari dwar l-isem tal-persuna ikkundannat jew illiberata, jew dwar l-isem ta' l-appellant (kif kien il-kaz ta' Gauci): dan ta' l-ahhar, cioe` l-artikolu 419, jirreferi biss ghall-indikazzjonijiet kommuni ghall-atti gudizzjarji, li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null, **bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzija**.

"Kuntrarjament ghal dak li qed isostnu r-rikorrenti, fil-kaz ta' l-artikolu 419, in-nullita` hija espressament provduta bil-ligi. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddistingwiet bejn nuqqas li jwassal ghal nullita` li hija prevvista bil-ligi u nuqqas li ma jwassalx ghal nullita` ta' l-atti imma li jista' jigi korreggut, u dana tenut kont tal-pregudizzju rrimeddjabbli li jista' jbati akkuzat min-naha l-wahda u l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja min-naha l-ohra.

"Issa x'tghid il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem. Il-principji segwiti huma dawn :

**"The right of access to court is not absolute but subject to limitations.  By its very nature it calls for regulation by the State, which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and individuals. (Golder para. 38).  The State has a margin of appreciation  in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the indiivdual in such a way that the very essence of the right is impaired. In addition, a limitation will not be compatible with Article 6, paragraph 1 if it does not**

**pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved. (Ashingdane para. 57).**

**“Procedural and practical impediments may contravene the Convention where they operate to bar effective access to court. (Golder para. 26). Time limits imposed on the bringing of claims are acceptable in the interests of good administration of justice. (Stubbings 51).**

**“There is no right to appeal contained in the Convention itself (as opposed to the right provided for in Article 2 of Protocol 7). However, where a judicial system provides appeals, the fundamental guarantees of Article 6 will apply. (Delcourt para. 25-26).**

**“Having regard to the fact that in many Contracting States, higher instances take different forms, this is subject to the rider that the way in which Article 6 applies will depend on the special features of the proceedings. This includes consideration of the functions in law and practice of the appellate body, its powers and the manner in which the interests of the parties are presented and protected. (Monnell and Morris para. 56). There can therefore be no right as such to any particular kind of appeal or manner of dealing with appeals. (Ara A Practitioner’s Guide to the European Convention of Human Rights. K. Reid).”**

“Fil-kaz in ezami n-nullita` ta’ l-atti hija espressament prevvista mill-ligi. Id-dritt ta’ appell lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hu wkoll regolat b’ligi u r-restrizzjonijiet imposti ghandhom l-ghan legittimu li jirregola l-proceduri fl-ahjar interess tal-gustizzja. Il-procediment quddiem dika l-Qorti u l-mod kif ghandhom jigu konfezzjonati l-atti quddiemha huma ben noti u ilhom iz-zmien jigu prattikati u maghrufa minn kull min  jipprattika quddiem dika l-Qorti. Hemm gurisprudenza kostanti li tmur lura s-snin fis-sens li nuqqas bhal dak imsemmi fl-artikolu 419 jgib in-nullita` ta’

l-appell. Il-Qorti ssib li hemm proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jrid jintlahaq ghax altrimenti ikun hemm rebus shih fil-procedura u l-mod kif tigi amministrata l-gustizzja.

“Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti li mhux se jkollhom *access to a court,* li jifforma parti mid-dritt ghal smigh xieraq, mhux fondat u qed jigi michud.

“Il-fatt li l-ligi tawtorizza lill-Imhallef li jqajjem in-nullita` ta’ l-appell ex officio fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 419 jkompli juri l-importanza ta’ dawn ir-restrizzjonijiet. L-imhallef b’daqshekk ma jkunx qed jidhol fl-arena bejn il-partijiet imma jkun biss qed japplika l-ligi kif inhu obbligat li jaghmel. Ghalhekk ma tidholx kwistjoni ta’ *equality of arms*.”

## L-appell ta’ Natal Bonello

**7.** Minn din is-sentenza appella biss Natal Bonello[6], b’rikors prezentat fid-9 ta’ Marzu 2009. Bonello jikkontendi li l-ewwel Qorti – cioe` il-Prim Awla – kienet zbaljata meta rriteniet li jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tiddegreta, kif uriet il-hsieb taghha li kienet ser taghmel, l-appell tieghu bhala irritu u null minhabba non-osservanza tal-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9, ma jkunx hemm lezjoni tad-dritt tieghu fondamentali ghal access ghal qorti. Ghalhekk huwa talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tas-27 ta’ Frar 2009 u minflok “tiddikjara illi l-Qorti tal-Appell Kriminali vvjolat id-dritt tal-appellant meta qajjmet in-nullita` tal-appell *ex officio* kif ukoll li jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ser tghaddi biex tiddeciedi illi r-rikors tal-appell tar-rikorrenti huwa null (minhabba n-nuqqas ta’ formalita` u cioe` n-nuqqas tat-talba ghal konferma tal-parti liberatorja tas-sentenza tal-ewwel Qorti) din tkun qed tonqos milli tissalvagwardja d-drittijiet tar-rikorrenti ta’ smigh xieraq, drittijiet li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jezigu li jinghataw lil kull persuna b’mod prattiku u effettiv u mhux b’mod illuzorju”.

---

[6] Din id-darba assistit mill-Avukat tal-Ghajnuna Legali Dott. Renzo Porsella Flores.

**8.** L-Avukat Generali wiegeb billi qal in sustanza li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet korretta u kienet timmerita konferma. Huwa nnota in partikolari li kien Bonello biss li issa qed jappella, u mhux ukoll Spiteri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**9.** Kif gie ritenut mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza **Beles and Others v. Czech Republic** (deciza fit-12 ta' Novembru 2002)

**"60. The Court reiterates that it is primarily for the national authorities, notably the courts, to resolve problems of interpretation of domestic legislation. Its role is limited to verifying whether the effects of such interpretation are compatible with the Convention. This applies in particular to the interpretation by courts of procedural rules such as time-limits for filing documents or lodging appeals (see, *mutatis mutandis*, *Tejedor García v. Spain*, judgment of 16 December 1997, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-VIII, p. 2796, § 31). The rules on the procedure and time-limits for appeals are designed to ensure the proper administration of justice and, in particular, legal certainty. Litigants should normally expect those rules to be applied (see *Miragall Escolano and Others*, cited above, § 33).**

**"61. Furthermore, the "right to a court", of which the right of access is one aspect, is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, in particular where the conditions of admissibility of an appeal are concerned, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a certain margin of appreciation in this regard (see *García Manibardo v. Spain*, no. 38695/97, § 36, ECHR 2000-II, and *Mortier v. France*, no. 42195/98, § 33, 31 July 2001). Nonetheless, the limitations applied must not restrict or reduce the individual's access in such a way or to such an extent as to impair the very essence of the right. Furthermore, limitations will only**

**be compatible with Article 6 § 1 if they pursue a legitimate aim and there is a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued (see *Guérin v. France*, judgment of 29 July 1998, *Reports* 1998-V, p. 1867, § 37).”**

**10.** Dan il-principju gie riaffermat minn din il-Qorti – cioe` mill-Qorti Kostituzzjonali – f’diversi sentenzi – ara **Patrick Mangion v. Avukat Generali et** (27/1/2006), **Emanuel Gauci v. L-Avukat Generali** (26/5/2006), u **Joseph Angilleri et v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (27/1/2010). Anqas ma jista’ jkun hemm dubju li l-Artikolu 419(1), meta jimponi certi rekwiziti li, jekk ma jigux osservati, jimportaw in-nullita` tar-rikors ta’ appell, ghandu ghan legittimu u proporzjonat. Infatti fil-kaz ta’ **Gauci** (26/5/2006) din il-Qorti kienet ghamlitha cara li:

**“…l-Artikolu 419, jirreferi biss ghall-“indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji”, li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null <u>bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta’ l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja</u>.”** (emfazi mizjuda).

**11.** Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b’mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, “fejn laqat, laqat”! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa

minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk <u>ikun indispensabbli li mill-bidu nett</u> jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant. Huwa minnu wkoll li l-gurisprudenza rriteniet (din il-Qorti tifhem li rriteniet hekk b'mod logiku hafna) li meta l-appellant kellu jitlob ir-riforma izda minflok jitlob ir-revoka, allura ma jkunx gie osservat ir-rekwizit tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Art. 419(1), b'mod li dan igib in-nullita` tar-rikors ta' l-appell. Apparti minn hekk, din il-gurisprudenza tmur lura ghexieren ta' snin, mill-anqas sal-1930 – ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' April 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur N. Ciappara) v. Joseph John Agius** – b'mod ghalhekk li, kif tajjeb qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata, din il-gurisprudenza hija ben nota u maghrufa minn kull min jipprattika quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u ghalhekk mhux il-kaz ta' xi sorpriza jew nuqqas ta' pubblicita` li tista' taghti lok ghal ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew 39(1) tal-Kostituzzjoni. U l-fatt li l-Qorti tqajjem hi – *ex officio* – tali nullita` b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal ghal lezjoni tal-imsemmija artikoli.

**12.** Dak li, pero`, jidher li sa issa sfugga lil kulhadd – hlief lill-Dott. Renzo Porsella Flores li rrediga r-rikors ta' appell odjern – huwa l-fatt li f'dan il-kaz, cioe` kemm fil-kaz ta' Bonello kif ukoll fil-kaz ta' Spiteri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, it-talba kellha tkun (in kwantu ghall-meritu) proprju <u>ghar-revoka tas-sentenza u mhux ghall-varjazzjoni taghha</u> kif donnha kienet qed tirritjeni l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Infatti, fir-rikors tal-appell tad-9 ta' Marzu 2009 l-appellant Bonello, tramite l-imsemmi avukat, ighid hekk: "…jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ntalbet biex

ma ssibx htija tas-serq, l-appellant awtomatikament ser jinstab mhux hati li sar recidiv/kiser *probation order* minhabba l-istess serq, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li tintalab konferma tal-partijiet liberatorji…”. Kif rajna aktar ‘l fuq, Spiteri gie misjub hati ta’ serq kwalifikat bil-valur biss u li kien recidiv fit-termini tal-Artikolu 49 (mhux fit-termini tal-Artikolu 50), mentri Bonello instab hati ta’ komplicita` f’serq kwalifikat ukoll bil-valur biss, izda gie liberat mill-imputazzjoni ta’ recidiva u ta’ ksur ta’ ordni ta’ *probation* (it-tielet imputazzjoni). Minn qari taz-zewg rikorsi ta’ appell tat-18 ta’ Frar 2008, huwa evidenti mill-aggravji taz-zewg appellanti li huma qed jikkontestaw is-sejbien ta’ htija <u>dwar is-serq</u>; it-tieni u, fil-kaz ta’ Bonello, it-tielet imputazzjoni <u>jidhlu fix-xena biss jekk kemm il-darba jkun hemm sejbien ta’ htija dwar is-serq</u> (inkluza komplicita` fis-serq). Huma qed jallegaw li kien hemm dubju ragjonevoli dwar il-partecipazzjoni taghhom fis-serqa, sia jekk bhala awtur u sia jekk bhala komplici. Isegwi, ghalhekk, li huma korrettement talbu (in kwantu ghall-meritu, cioe` apparti l-kwistjoni tal-piena) ir-revoka tas-sentenza appellata u mhux il-varjazzjoni taghha, ghax jekk ma kienx hemm, kif qed jallegaw, serq jew komplicita` f’serq da parti taghhom l-imputazzjonijiet l-ohra – li huma konsegwenzjali ghal sejbien ta’ htija dwar serq – ma jista’ jkollhom ebda ezistenza jew fondament.

<u>**Decide**</u>

**13.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ Natal Bonello fis-sens biss illi tiddikjara, <u>fuq ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz</u>, li jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha tiddikjara l-appell tieghu null minhabba l-mod kif saret it-talba, ikun qed jigi lez id-dritt tieghu ghal access ghal qorti kif protett bl-Artikolu 6(1) u bl-Artikolu 2 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. U peress li dawn l-istess argumenti japplikaw ugwalment, anzi b’izjed forza, ghall-appell (cioe` ghall-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) ta’ Richard sive Rachela Spiteri, ghalkemm dan Spiteri ma appellax mis-sentenza tal-Prim Awla, tordna li l-process tal-appell kriminali fil-konfront ta’ dawn iz-zewg persuni jintbaghat minnufih lura lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali biex

dik il-Qorti tghaddi ghas-sentenzi kemm dwar l-appell tat-18 ta’ Frar 2008 ta’ Natal Bonello kif ukoll dwar l-appell ta’ Richard sive Rachela Spiteri, ukoll tat-18 ta’ Frar 2008, wara li tiehu konjizzjoni ta’ dak li qed jigi deciz b’din is-sentenza. L-ispejjez ta’ dana l-appell (ovvjament limitatament ghal dak li jirrigwarda Natal Bonello) kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu mill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------